KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU 30 – It-Tnejn 16 ta' Marzu 2015 fil-16.00hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

1. INTRODUZZJONI MIS-SINDKU

1.1 Il-laqgħa bdiet b'introduzzjoni mis-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi fil-preżenza ta' Fr.Alfred, l-Amministratur tal-Parroċċa ta' Ħal Lija li kien mistieden f'din il-laqgħa. Huwa ġie mistieden biex jinagħtalu parti mill-fondi li daħlu mill-Festival taċ-Ċitru li kienet tammonta għal €500. Dan, bħal kull sena, jingħata ammont lill-Kappillan għar-restawr tal-pitturi ta' Cali'.

1.2 Is-Sindku kompliet titkellem fuq il-ktieb Ħal Lija fi Tfuliti li kien ġie ipprintjat għal kull *household* ta' Hal Lija. Il-Kunsill jixtieq li dan il-ktieb ikollu aktar pubbliċita biex jinbiegħ.

1.3 Is-Sindku nfurmat li tixtieq torganizza attivitajiet biex jinġabru aktar fondi għal dan ir-restawr.

1.4 Fr. Alfred irringrazzja lill-Kunsill mill-qalb ta' dawn il-fondi u nforma li r-restawr fuq wara tal-pittura ser tammonta għal €55,000 u l-arzella €35,000.

1.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li għal okkażżjoni tal-ingress ta' l-Arċisqof, ser jiġi mixtri bukkett fjuri biex jingħata lilu meta nhar is-Sibt 21 ta' Marzu 2015 ser jattendi fil-parroċċa ta' Ħal Lija, qabel il-quddiesa tal-ingress

fl-Konkatidral ta' l-Imdina. Hija stiedniet lill-Kunsilliera biex ikunu preżenti magħha għal din iċ-ċerimonja.

1.6 Is-Segretarju nfurmat li kienet għaddiet e-mail lis-Sinjorina Stephanie Cutajar biex tara tistax tattendi għal *Launch* tan-*Norway Grants* fl-*Skyparks Malta International Airport* nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2015 peress li s-Sindku ma setatx tattendi. Peress li la s-Sinjorina Cutajar ma setatx tattendi u l-anqas il-Kunsilliera l-oħra għandna ninfurmaw lid-Dipartment li ħadd mill-Kunsill ma jista' jattendi u biex jintbagħat e-mail b'feedback ta' xi jkun ġie deċiż.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 30 TA' 25 TA' FRAR 2015

2.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-minuti nr 30 tal-25 ta' Frar 2015 ġew approvati.

## 3. ARISING FUQ MINUTI NR 30 TA' L-25 TA' FRAR 2015

3.1 Is-Segretarju bdiet billi nfurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet telefonata mingħand il-Melita fejn infurmaw li kienu qatgħu il-linja tal-*Live Streaming* peress li l-kontijiet ma kienux tħallsu. Hija kompliet tgħid li dawk kellhom jitħallsu mid-Dipartiment għalhekk minnufih id-Dipartiment ġie nfurmat fuq dan u l-kontijiet pendenti kollha. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment dwar dan. Dan wara li l-Kunsill kien irċieva e-mail li l-kontijiet tal-Melita fuq il-*Live Streaming* ,ma jitħallsux mill-Kunsill imma għandna nagħduhom lid-Dipartiment.

3.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq punti 2.6 u 2.7 fejn kienet inbagħtet e-mail lit-TM fuq ir-rotta l-ġdida tal-karozza tal-linja. Hija kompliet tgħid li meta Prof. Maria Attard kienet tkellmet fuq il-proposti tat-traffiku, ir-rotta l-ġdida tal-karozza tal-linja kienet diġa tidher qisa li diġa attwata. Is-Sinjorina Farrugia qed tisuġerixi li għandna nikkomunikaw din l-informazzjoni lit-TM u tkun utli ħafna. Is-Segretarju nfurmat li lit-TM kellimniehom darbtejn u d-darbtejn nfurmawna li għad ma għandhomx informazzjoni fuq rotot ġodda. Ġie deċiż li nistaqsu lill-Prof. Maria Attard biex tibgħatilna l-*Bus Route* il-ġdida biex inkunu nistgħu nibgħatuha lit-TM.

3.3 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant reġgħa staqsa fuq iz-*zebra crossings* fejn l-azzjoni li kienet ittieħdet mill-aħħar minuti kienu li s-soluzzjoni hi li jiġu eliminati iz-*zebra crossings* darba għal dejjem. Dan jista jsir billi jitqaxru u mhux jerġgħu jinżegħbu biż-żebgħa sewda għaliex dan huwa ħela ta' flus għax malajr imur. Is-Segretarju nfurmat li dawn iz-*zebra crossings* diġa tattew biż-żebgħa sewda tlett darbiet u wara ftit jerġgħu joħorġu. Hija qalet li hemm bżonn ta' *scarifying* u tkun darba għal dejjem. Għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet mingħand xi kuntratturi għax il-ħaddiema tal-Kunsill ma għandhomx għodda biex jagħmluha. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġeriet li għandhna niċċekkjaw kemm tiġi li kieku kellna nagħmlu *scarifying* u kemm tiġi kieku nibqgħu niżbgħu iz-*zebra crossings* biż-żebgħa sewda.

3.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-karozza li hi kellha complaint fuqha li kienet ipparkjata ħażin ħdejn id-dar tagħha. Is-Segretarju nfurmat li l-*contact number* ta' l-*owner* tal-karozza ma nstabx, ġew ikkutatjati il-Pulizija imma *feedback* mingħandhom kien għad m'għandniex.

3.5 Is-Segretarju tkellmet fuq ir-*request* tal-bollards ħdejn il-ġnien tal-Mirakli u li kienu ġew approvati mit-TM għal xahar biss. Fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li jittelgħaw il-ħwat li kienu ittieħdu minn fuq iz-zuntier. Is-Segretarju nfurmat li barra li din hija *expense* żejda għall-Kunsill, hemm 'Keep Clear' biex il-ġardinar ikun jista' jsaqqi allura din trid tibqa 'clear'. Għalhekk it-TM approvat *removeable bollards*. Peress li s-Sinjorina Stephanie Cutajar kienet insistiet biex nerġgħu niktbu lit-TM biex jerġgħu jirrevedu id-deċiżjoni tagħhom, it-tweġiba mit-TM kienet dawn il-*bollards* ġew approvti għal xahar ieħor. Is-Segretarju nfurmat li l-ittri lir-residenti biex ma jipparkjawx fuq il-bankina f'dik area kienu inbagħtu kif kien ġie deċiż.

3.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia resqet *complaint* li kien hemm *skip* fi Triq Ġiovanni Barbara li kien qiegħed hemm għal ħafna żmien u hemm ħafna ħmieġ madwarhu. Għandu jiġi iċċekkjat jekk hux qed isiru permessi għal dawn l-*skips*. Is-Segretarju nfurmat li permessi jsiru imma trid tiċċekkja hux dejjem qedgħin isiru għax fil-kas trid tinġibed l-attenzjoni.

3.7 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-'construction' li qed isir fit-tarf ta' Triq Karlu Darmanin peress li jidher li qed joħroġ il-barra iktar milli suppost. Huwa staqsa jekk dan ġiex iċċekkjat. Is- Sindku nfurmat li l-ħajt ta' ġewwa riedu iħottuh biex imbagħad itellgħu il-ħajt il-ġdid. Hija qalet li kellimha s-Sur Victor Buhagiar fejn nfurmurha li din il-kostruzzjoni bilfors ser tiġi 'in line' mal-bini l-ieħor.

3.8 Is-Sindku bdiet titkellem fuq il-*Bye Laws* u jekk kienx hemm xi żviluppi oħra. Hija qalet li wara li dawn ressaqniehom fil-laqgħa tal-lokalita, il-pass li jmiss huwa li kellna inġibuhom fuq il-gazzetta tal-Gvern u fin-*notice boards*. Hija qalet li kien hemm xi ħadd li anke staqsieha fuq il-finanzi tal-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-finanzi tressqu fil-laqgħa pubblika. Dan ir-resident staqsa jekk l-*Accounts* ikunx ippublikati 'on line'. Is-Segretarju kkonfermat li dawn id-dokumenti kollha ikunu 'on line' fuq is-sit tal-Gvern. Is-Segretarju nfurmat li l-*Bye laws* ġew ippublikati fuq il-facebook tal-Kunsill u għandha terġa tfakkar lil Dr.Marc Sant biex jiċċekkja il-pass li jmiss fuq dawn il-*bye laws*. Għandha żgur inġibuhom fil-gazzetta tal-Gvern.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Segretarju nfurmat li irċevejna *acknowledgement* mingħand is-Sinjuri Strickalnd fejn l-ewwel net is-Sindku għan nom tal-Kunsill tathom l-għomor wara l-mewt ta' omm Mr. Strickland. Is-Segretarju nfurmat li s-Sinjuri Strickland aċċettaw li iħallsu l-ispejjes tal-Perit wara li huma jagħmlu ix-xogħolijiet u l-Perit tal-Kunsill imur biex jiċċekkja li ma jkunux saru xi ħsarat. Is-Sinjuri Strickland nformaw lis-Sindku li qed jaħdmu fuq statwa ta' Mabel Strickland imma qed jipprova isib iktar *sponsors*

4.2 Il-laqgħa tkompliet fuq ix-xogħolijiet ta' Triq id-Dejqa. Ix-xogħol tal-*Concrete Imprint* kien miexi ġmielu fejn ir-residenti huma kuntenti ħafna bix-xogħolijiet. Huwa anke inħaslet it-triq kollha bil-ħitan. Is-Segretarju nfurmat li d-deadline biex nieħdu dawn il-fondi kien sa l-aħħar ta' Marzu imma peress li konna tlabna iktar żmien minħabba ix-xogħolijiet tas-Sinjuri Strickland, għandna iktar żmien għad-dispożizzjoni tagħna. Il-kuntrattur mexa ħafna bix-xogħol u għandu ilesti sa l-aħħar ta' Marzu.

4.3 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa kif il-Kunsill ser jirċievi l-fondi jekk jagħtunix dawn il-fondi u aħna nħallsu l-kuntrattur jew jekk il-Kunsill iħallas lill-

kuntrattur u wara nirċievu l-fondi. Għandnu jiġi iċċekkjat dan minn fuq il-kuntratt iffirmat u anke mal-MEPA. Għandu jiġi ikkuntatjat il-Perit ukoll.

5. IS-SINDKU RESQET FUQ IL-MEJDA TAL-KUNSILL IL-VIP LIST

5.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għal ħsarart fuq il-*jigger* li jużaw il-ħaddiema li kienet tammonta għal €500. Peress li din il-biċċa għodda ma tintużax regolarment, il-Kunsill iddeċieda li għalissa iżomm din il-kwotazzjoni.

5.2 Is-Segretarju tkellmet fuq il-*claims* li qed jidħlu fuq il-ħsarat li qed isiru fi Triq Pantar minħabba il-*potholes*. Ġie deċiż li għandna nitkellmu ma' l-Avukat tal-Kunsill biex tinkiteb *statement* biex tiġi ippublikata fil-gazzetti fejn ngħidu li l-Kunsill ma jiflaħx iħallas dawn il-*claims* u qed jitlob lill-Awtoritajiet biex Triq Pantar tigi triq arterjali.

5.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ċemplilha resident minn Ta' Senna fejn qed jilmenta li s-siġar ma' nqatawx kif suppost. Hija qaltlu li s-siġar hemmhekk inqataw mill-ELC, veru li ma nqatawx ħafna mill-għoli peress li hemm bżonn ta' *high up* u m'għandhom l-ELC huma tlett hi-Ups biss. Is-Segretarju nfurmat li hija kienet kellmet lill-ġardinar fejn dan kien ikkonferma li s-siġar f'Ta' Senna kienu inqatgħu. Ġie deċiż li għandna nitkellmu mal-ġardinar biex naraw li dawn is-siġar jerġgħu jinżabru kif suppost.

5.4 Hija ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għal uniformi ta' l-iskrivana tal-Kunsill issa wara li għaddiet is-sitt xhur *probation*. Is-Sindku qalet li forsi għalissa minħabba is-sitwazzjoni finanzjarja li l-Kunsill, forsi għandna nistennew laqgħa oħra u imbagħad nideċiedu. Il-Kunsill qabel dwar dan

5.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Prof. Maria Attard fuq *Traffic Management* f'Ħal Lija. Hija qed tisuġerixxi li għandna nisottomettu l-pjanti lill-awtoritajiet bħal Transport u l-MEPA u wara nikkonsultaw dawn il-pjanti mal-Pubbliku u nistiednu ukoll lill-awtoritajiet. Imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi dwar dawk l-affarijiet li jista' jimplementa,u jattwahom u dawk li ma jistax.

5.6 Is-Sindku kompliet tgħid li għandna nipproċedu fuq dan il-proġett għax kien fih ħafna xogħol u anke l-Kunsill ikun jidher li hu l-pioneer fuq dan il-proġett. Għalhekk għandna nikkonsultaw lill-MEPA u TM biex ngħiduluhom b'dan il-proġett u li għandhna kollox lest u nistiednuhom meta nikkonsultaw lill-pubbliku għal ħabta ta' Mejju.

5.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Perit fuq il-fondi ta' l-*EU Projects*. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera biex jagħtu l-*views* tagħhom.

5.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm iktar minn proġett wieħed li l-Perit jista japplika għalih għalkemm ma nafu xejn kemm ser jiġu jiswew. Hija qalet li ma tixtieqx li xi wieħed mill-proġetti isiru mlaqqtin pero importanti li l-Kunsill ma jkollux joħrog xejn bħala finanzi għal dawn il-proġetti. Hija taqbel mal-proġett tat-Torri pero ikompli sal-pjazza għax ikun jidher isbaħ.

5.9 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal ma naħsibx li tista ssir Trasfiguration Avenue bil-Pjazza ukoll meta il-Pjazza ma ilhiex li saret allura huwa jaqbel li l-isfel mit-Torri

għandu jsir pariċ ma' ta' fuq. Barra minn hekk huwa qal li għandna napplikaw ukoll għal isqaqien bħal ma qed isir Triq Id-Dejqa.

5.10 Is-Sur Massimo Scerri qal li jekk għandha ssir l-Avenue għandha ssir kollha għar-raġuni li jekk ma ssirux kollha ma jkunx hemm konformita. Huwa qal żgur ma għandhomx jintefqu l-flus u l-proġett ma jsirx sewwa. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill m'ghandux *desings* ta' l-isqaqien u tal-Binja tal-Kunsill, ħlief ta' l-Avenue biss għandna.

5.11 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li d-*designs* ta' l-Avenue sbieħ imma huma moderni u ma jmorrux mal-kumplament ta' l-għamara allura jekk għandha ssir l-Avenue għandha ssir kollha. Inkella jiġi irranġat dak li hemm. Hi kieku tmur iktar ghall-isqaqien.

5.12 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-proġett kif inhu tippreferi li isir l-isfel ta' l-Avenue li jkompli ma' fuq u isiru l-isqaqien kollha li m'humiex lesti għax hemm toroq imfarkin għal kollox. Hija semmiet li kellha *complaint* minn triq Fernand Grech li hija sfruntata fejn resident kisser erbgħa roti ta' *wheel chair*. Is-Sindku sostniet li ma tixtieqx li naqilgħu l-Pjazza u residenti jgħidu li l-flus biex naqilgħu dak li għamilna diġa għandna imma għat-triq tagħhom ma għandnix. Hija qalet li l-Perit jista' jagħmel pjanta tal-Pjazza l-isfel u l-isqaqien.

5.13 Ġie deċiż li lill-Perit għandna ngħidulu li nixtiequ napplikaw għal:

a. L-isqaqien
b. Transfiguration Avenue minn fuq jew inkella minn nofs l-isfel li jigi jaqbel ma fuq
c. Binja tal-Kunsill u fuq din irridu nitkellmu mal-Maltapost, Social Services u l-Bank

5.14 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-istat ta' triq Fernand Grech u li rridu nitkellmu mar-*Roads Department* biex nistaqsu u naraw jekk jagħmluiniex b'xejn għax flus għat-toroq il-Gvern ma jagħtinix f'dawn il-proġetti li ħierġin. Dawn ġew *launched* il-ġimgħa li għaddiet.

5.15 Is-Sur Massimo Scerri staqsa jekk nistgħux napplikaw għar-restawr tal-Mitnħa u t-triq ta' quddiema. S-Sindku nfurmat li għar-restawr tal-Mitħna nistgħu nieħdu mill-fondi tar-Reġjun Ċentru.

5.16 Il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk ġiex iċċekkjat jekk l-art ta' ħdejn it-*Tennis Court* kienetx ġiet devoluta lill-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat li din għad trid tiġi iċċekkjata.

5.17 Is-Sinjura Stephanie Cutajar qalet li l-Perit ser jiċċarġjana tal-pjanti u s-Surveyor. Is-Segretarju ikkonfermat dan. Il-Kunsill tkellem li tkun iebsa li l-Kunsill joħroġ il-flus għal dawn il-pjanti biex wara kollox l-ebda proġett ma jiġi aċċettat.

5.18 Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant qal li għandu laqgħa ma' Dr. Cuschieri ta' l-ELC u staqsa jekk għandux isemmi il-problema tas-siġar ta' l-Avenue peress li hemm siġar mawġgħin.

5.19 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*breakdown* ta' l-*invoice* tas-sena l-oħra, tal-*Peak Insurance* fuq il-van tal-Kunsill.

5.20 Wara li l-Kunsill iddiskuta u ivverifka l-*invoice*, rawh għoli ħafna imma ġie deċiż li dan għandu jitħallas. Kulħadd qabel li l-van ma kienx daqshekk tajeb għall- użu tal-Kunsill.

5.21 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand il-Weebee għall-25 ritratt 'high definition' għall-prezz ta' €250. Il-Website għada mhiex kompluta minħabba dawn it-ritratti għax ir-ritratti li għandna mhumiex tajbin għal fuq il-*website*.

5.22 Il-Kunsill iddiskuta din il-kwotazzjoni u ġie deċiż li s-Sinjorina Stephanie tiċċekkja żewġ *photographers* oħra.

5.23 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Budget* uffċċjali u l-*Accounts* li kienu preżentati mill-Accountant. Dan kien ġie diskuss peress li l-*Accountant* kienet diġa ressqet 'draft' tiegħu dan il-*Budget*. Il-Kunsill iddiskuta dawn ir-rapporti u peress li kien hemm xi *query* ġie deċiż li nitkellmu ma' l-*Accountant*. Fuq il-*Budget* fejn id-dħul mill-Gvern fit-2014 l-*actual* kien iktar mill-Budget u fit-2015 qiegħed €20,000 inqas. L-Accountant iċċarat l-enquiry li fuq paġna kien l-Income u fuq paġna oħra kien l-expenditure u d-differenza kienu tipping fees.

5.24 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat minn Dr. Marc Sant il-Budget 2015 u r-rapporti bħal quarterly report 2014 Jannar u Marzu, April – Ġunju Lulju – Settembru, Ottubru – Diċembru 2014 u anke it-Trial Balance tat-2014 ġew approvati unanimament.

5.25 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsill li r-risposta tal-'Management Letter' kienet intbaghtet b'e-mail u kemm bil-posta dakinhar stess.

5.26 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk konnix tkellimna mas-Surġent Magro fuq il-'complaint' li kellna fuq karrozzi ippartjakti ħazin. Is-Segretarju infurmat li s-Surġent Magro ma kellimnix għax ma kinx xogħol pero kellimna lill-pulizija ieħor. .Il-Minoirty Leader Dr. Marc Sant issuġġerixxa li għandna nitkellmu mas-Supretentent Sharon Tanti fuq dawn il-problemi.

5.27 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet staqsiet fuq ir-rampa tal-flats tal-Housing Estate li ġentilment kellha tagħtina s-Segretarju tal-Belt. Is-Segretarju spjegat li s-Sinjorina Gabriella Agius kienet bagħtet lill ħaddiem tagħna mill-Belt biex ikejjel din ir-rampa għax ir-rampa li kellha ma kinitx tajba bħala qies. Pero ilhom jintbagħtu reminders b'telefonati u b' e-mails lis-Sinjorina Agius. Is-Segetarju għandha terġa tibgħat reminder oħra u tagħmel pressure fuqha.

5.28 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-Kunsill issuġġerixew li t-toqob ta' Ħalmann għaż-żewg toroq isiru bil-concrete tajjeb u b'saħħtu. Iċċekjajna għal concrete u kemm għandna bżonn 3 jardi tiġi tiswa €300 euros bil-vat b'kollox. Dan għandu jservi xi sentejn minn ta' l-inqas żgur aktar mit-tarmac tal-boroz u kieku nagħmluhom bi tarmac, għal 2 toroq ikollna bżonn xi 100 boroz li jiġu jiswew €455.

5.29 Is-Sindku u s–Segretarju diġa tkellmu fuq dan u li dan ma jistax isir għax ma tagħmilx toqob bil-concrete. Is-Segretarju qalet li għalkemm il-concrete huwa iktar b'saħħtu u l-kunsill qiegħed verament jaħli l-flus fil-boroz tal-cold asphalt xorta waħda dan ma jistax isir. Il-problema hija li meta l-ħaddiema jitfgħu l-boroz tal-cold asphalt mhumiex qed jiġu ippresati b'roller. Ġie deċiż li għandha nġibu kwotazzjonijiet mingħand kuntratturi Attard bros, Ballut Blocks jew Bitmac. Is-Sindku ser tipprova titkellem mal-Bitmac hi ukoll

5.30 Is-Segretarju informat lill-Kunsill il-pulizija ta' ħdejn l-iskola qed tissuġerixxi li it-triq ta' l-iskola waqt il-ħinijiet ta' l-iskola għandha tingħalaq kompletament bill-bollards minħabba s-safety tat-tfal. Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi u l-kunsill ma qablux ma' din il-proposta.

5.31 Is-Segretarju nforma lill Kunsill li resident, Is-Sinjur Axiaq li joqgħod no.27/28 Triq Sant'Andrija jixtieq isaqsi lill-Kunsill Lokali fuq x'jista jagħmel rigward li xi 4 snin ilu meta mar joqgħod f'Sant'Andrija kien kera mingħand il-lands department il-bicca tal-bieb ta' quddiem tiegħu (ritratt aness) ovvjament in-nies ma jafuhx dan u jipparkjaw xtaq jistaqsi jekk jistax jagħmel sign mingħand il-Kunsill

5.32 Għandna nistaqsu lir-resident eżatt x'jixtieq u jekk jgħid li jrid is-sign Il-Kunsill jaqbel imma ssir għas-spejjes tiegħu.

5.33 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kien irċieva tlett claims oħra fuq Triq Il-Pantar li jammontaw għal Euro 675. Is-Segretarju infurmat li fuq il-Media kienet ħarġet li min għandu xi claim fuq il-potholes għandu jmur għand il-Kunsill u fi żmien xahar dan jitħallas. Il-Minoirty Leader, Dr. Marc Sant qal li anke l-Ministru qal li din ma kinetx deċiżjoni valida. Din ser terġa tiġi diskussa. Is-Segretarju nfurmat li l-media trid toħroġ stqarrija oħra fuq din. Ġie deċiż li ngħidu lill-Avukat tal-Kunsill biex joħrog statement fuq il-gazzetti li għalkemm din taqa' taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill u ilna nitolbu għajnuna finanzjarja fuq din it-triq mingħand l-awtoritajiet, il-Kunsill ma jiflaħx li jħallas l-ispejjes ta' manutenzjoni u l-anqas il-Claims f'din it-triq.

5.34 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq Catch the Drop campaign u qal li kien infurmat li l-HSBC kienu li accettaw li jhallsu ix-xoghol ġab fuq l-isprall ta' Giovanni Barbara Str c\w Transfiguration Avenue biex jinghaqad il-pipe fuq l-isprall li hemm minn Ġiovanni Barbara Str għal ġo Triq Trasfigurazzjoni. Għandha tinġieb kwotazzjoni oħra mingħand Charlo Grech.

5.35 Il-Minority Leader staqsa fuq il-Bill board li hemm f'Naxxar Road kantuniera ma' Transfiguration Avenue. Is-Segretarju nfurmat li l-MEPA qalu li l-Kunsill ma għandu x'jaqsam xejn mal-Billoards għax permessi joħorgu mingħand il-MEPA. Ġie deċiż li peress li l-Kunsill għandu l-Bye-Law fuq l-għamara tat-toroq għandna nerġgħu nistaqsu lill-MEPA.

5.36 Is-Sindku ressqet complaint tas-Sur Kevin Formosa minn ta' Senna fuq is-Siġar. Għandna nerġgħu nitkellmu ma' l-ELC biex jaqgħtu dawn is-siġar kif suppost. Is-Sindku ser tkellem hi ukoll lill-ġardinar.

5.37 Is-Segretarju resqet l-iskeda tal-pagamenti u il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma qablux ma' żewġ pagamenti nr 10 u nr 11 li huma pagameti tal-Waste Collection fuq il-ġbir ta' l-iskart u l-knis fir-raħal. Huma qalu anzi jmissna nwaqfulu l-kuntratt u kif ma ġiex ippenalizzat b'xi mod meta ġab ruħu kif ġab ruħu. Is-Sindku qalet li hija waqfitlu dak il-ħin stess meta ma ġabx ruħu kif suppost. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li ma kellux jitħallas il-'full payment'. Il-Contracts Manager għandu jdur iktar fir-raħal biex jiċċekkja ix-xogħolijiet ta' kull kuntrattur.

5.38 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar il-pagamenti ġew approvati.

5.39 Is-Sindku tkellmet fuq complaint fuq xi ħadd li daħal bi kelb żgħir fil-ġnien u imma ħareġ resident ieħor fejn qallu li mhux suppost jidħol b'annimali fil-ġnien u kien ser jirrapurtah. Dan ir-residenti bil-kelb qal li jidħlu SanAnton ma jistawx jidħlu annimali fil-ġnien ta' Ħal Lija. Hemm sign diġa li tgħid klieb ma jistawx jidħlu, ġie deċiż li din is-sign tinqala u titpoġġa fejn jilgħabu it-tfal u flokk din is-sign titpoġġa sign bil-pala biex min iħammeġ jigbor il-ħmieġ.

6. LAQGĦA TAL-KUNSILL

6.1 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun nhar it-Tnejn 13 t'April 2015 fil-5.00p.m.

7. TMIEM

7.1 Is-Seduta ntemmet fl-20.00 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |